# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar iT-Tlieta 5 ta' Gunju, 2001 .**

**Citazzjoni numru : 60/91G1(PC)**

**Frank Azzopardi, bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Emmanuel Portelli .**

**Vs**

**Giuseppa Saliba .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ippremetta :**

**Illi l-ġenituri tal-kontendenti, Frangisk Portelli u Angela nee' Sammut mietu rispettivament fil-15 ta' Ottubru, 1967 u fil-15 ta' Ottubru 1964 b'zewg testmenti "unica carta" fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Cauchi tat-30 ta' Marzu, 1954 u tat-12 ta' April, elf disa' mija u sittin (1960) ;**

**Illi bit-tieni artikolu tat-testment taghhom tat-30 ta' Marzu 1954, it-testaturi konjugi Portelli ddikjaraw li huma ghandhom dar fin-Nadur, Triq Hida, dari numru mija (100) illum numru erbatax (14) bil-gardina ta' xi hames sighan, minn Nofsinhar, Punent, u Lvant u kollox imiss, Tramuntana ma' Triq u beni ta' Tona Curmi, Lvant ma' beni ta' Salvu Buttigieg u ta' Patist Azzopardi, Nofsinhar ma' beni tal-werrieta ta' Salvu Pisani u Punent ma' beni ta' Toni Grech u ta' Andrea Borg kif soggetta ghal zewg liri fis-sena u in perpetwu piz piju, u ghal erba' xelini u sitt soldi kull tlett snin lejn is-soppressa universita' ;**

**Illi f'dak it-testment it-testaturi ddikjaraw oltre li dan il-bini tal-gardina mieghu u bil-pizijiet u hlas annessi, barra minn porzjon gardina fuq il-Lvant tal-bini, fuq imsemmi kemm go fiha tinbena remissa bejn il-bini u l-beni ta' Salvu Buttigieg, biex tigi legata izjed**

**‘il quddiem kif hawn isfel it-testaturi jhalluha b’titolu ta’ legat kwantu ghal nofs lil binthom il-konvenuta Giuseppa Saliba u n-nofs l-iehor lil binhom Manweli, l-attur, b’mod li Giuseppa tiehu n-nofs tan-naha tal-Lvant, u Manweli n-nofs tan-naha tal-Punent, u l-konvenuta Giuseppa Saliba jkollha wkoll id-dritt tal-arja soprastanti ir-remissa li trid tinbena kif imsemmi fuq .**

**Illi wkoll, skond l-istess testment it-testaturi ddisponew mill-porzjoni gardina li fiha ghandha tinbena remissa fuq imsemmija, t-testaturi hallewha b’titolu ta’ legat a favur ta’ wliedhom u fi drittijiet ugwali bejniethom Marija, Rosa, Vitorja u Virginia l-erba’ xebbiet ;**

**Illi l-attur nomine jrid jissegrega u jissepara l-porzjon tal-fond fuq imsemmi mhollija lilu u ghalkemm interpella lill-konvenuta sabiex tersaq ghad-divizjoni bonarja, din baqghet inadempjenti .**

**Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tordna s-separazzjoni u d-divizjoni tal-fond numru erbatax (14) dari numru mija (100) Triq Hida, Nadur, skond kif ordnat fit-tielet artikolu tat-testment tal-mejtin Frangisk u Angela Portelli, in atti Nutar Dottor Joseph Cauchi tat-30 ta’ Marzu 1954 b’opera ta’ perit nominand li jigi ghal dan il-fini nominat .**

2. **Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta’ divizjoni opportun billi tinnomina Nutar Pubbliku li ghandu jircievi l-att ta’ divizjoni opportun, fil-gurnata hin u lok li jigu ghal dan il-fini ffissati .**

3. **Bin-nomina ta’ kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali konvenuti fuq l-att opportun .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine minnu kkonfermata bil-gurament .**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :**

1. **preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni billi din ma saritx bil-forma preskritta skond il-ligi ;**

2. **Fil-mertu u minghajr pregudizzju, illi l-konvenuta qatt ma opponiet ghat-talbiet attrici izda kien proprju minhabba fil-pretensjonijiet tal-attur li jiehu mill-faccata iktar milli kien legat lilu li ma setghatx issir is-segregazzjoni bonarja ;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta ikkonfermata bil-gurament taghha .**

**Rat il-verbal ta' l-10 ta' Ottubru 1991 ta' l-avukat dottor Michael Grech ghall-konvenuta, fejn irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu .**

**Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Marzu 1993 fejn innominat lill-A.I.C. Emanuel Vella bhala perit tekniku f'din il-kawza sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku minnu debitament mahlufa fil-15 ta' Frar 2001 .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-attur nomine qieghed jitlob id-divizjoni ta' bicca art mhollija b'legat lill-kondividenti permezz tat-testment 'unica carta' tal-konjugi Frangisk u Angela Portelli, ndikat fic-citazzjoni . A tenur ta' l-istess testment, din id-divizjoni kellha ssir wara li tigi segregata bicca zghira minnha fuq in-naha tal-lvant, li d-decujus hallew lil uliedhom ohra xebbiet sabiex fuqha tinbena remissa, b'dana pero' illi l-arja taghha kellha tappartjeni lill-konvenuta Saliba flimkien mal-parti mill-istess art legata lilha .**

**Jidher pero' illi kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kondividenti dwar kif kellha tinqasam l-art lilhom legata mill-genituri taghhom, partikolarment fejn jirrigwarda kemm kellhom ikollhom faccata ghat-triq kull wiehed minnhom .**

**Il-perit tekniku, kif jirrizulta mir-relazzjoni tieghu, wara li ghamel l-investigazzjonijiet minnu mitluba mill-kontendenti dwar jekk kienx possibbli li jkun hemm 'set backs' fil-bini li eventwalment jista' jsir fuq il-'plots' li jirrizultaw minn din id-divizjoni, u dana minhabba l-konfigurazzjoni partikolari ta' l-art in kwistjoni fejn ghandek faccata relattivament dejqa, kkonferma illi peress illi din l-art tinsab fil-'village core', tali 'set back' ma tkunx permissibbli . Ghalhekk huwa hareg bil-pjan ta' qasma kif indikat fil-pjanta minnu mhejjija u pprezentata kontestwalment mar-rapport tieghu . Minn din il-pjanta (a fol. 61 tal-process) jirizulta illi l-A.I.C. Vella qasam l-art in kwistjoni (bil-ftit bini ta' fuqha) f'zewg porzjonijiet ugwali ta' circa hames mija u erbghin metru kwadru (540 m.k.) l-wahda, delinejati bil-kulur blu u ahmar rispettivament . Tenut kont tax-xewqa tad-decujus il-konjugi Portelli, kif espressa fit-testment 'unica carta' taghhom in atti Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tat-30 ta' Marzu**

**1954 (Dok. A a fol. 6 tal-process), in-nofs ta' l-ghalqa fuq in-naha tal-lvant giet imhollija lill-konvenuta Giuseppa Saliba, flimkien ma' l-arja fuq ir-remissa fit-tarf ta' l-ghalqa legata lill-ahwa xebbiet, filwaqt illi l-parti l-ohra giet imhollija lil binhom Emanuel Portelli, kif rapprezentat f'dawn l-atti mill-attur nomine. Ma kien hemm ebda reazzjoni negattiva minn xi hadd mill-kontendenti dwar il-pjan ta' qasma kif propost mill-perit tekniku, u l-Qorti lanqas ma tara ebda raguni ghaliex dan il-pjan ta' qasma m'ghandhux jigi adottat minnha wkoll .**

**Ghaldaqstant, tiddecidi l-kawza billi :**

**(i) tilqa' l-ewwel talba u tordna s-separazzjoni u d-divizjoni tal-fond numru erbatax (14) dari numru mija (100) Triq Hida, n-Nadur, Ghawdex, kif ordnat fit-tielet artikolu tat-testment tal-mejtin Frangisk u Angela konjugi Portelli, in atti Nutar Joseph Cauchi tat-30 ta' Marzu 1954, bil-mod propost mill-A.I.C. Emanuel Vella fil-pjanta minnu redatta a fol. 61 tal-process, b'tali mod illi lill-attur nomine jigi assenjat il-porzjon delinejat bil-kulur ahmar fuq dik il-pjanta u mmarkat bhala "Plot B", filwaqt illi lill-konvenuta jigi assenjat il-porzjon delinejat bil-kulur blu fuq l-istess pjanta u immarkat bhala "Plot A", bl-intiza illi inkluza f'din il-plot hemm ukoll l-arja ta' fuq ir-remissa indikata fl-estremeta' tan-naha tal-lvant fil-kantuniera ma' Hida Street ;**

**(ii) tordna l-publikazzjoni ta' l-att ta' divizjoni u assenjazzjoni opportun li ghandu jsir bil-ministeru tan-Nutar Dottor Kristen Dimech LL.D. li qed jigi nominat ghal dan il-fini u li ghandu jippubblika l-istess att fl-ufficcju tieghu nhar l-Erbgha 27 ta' Gunju, 2001 fis-6.30p.m.**

**(iii) tinnomina lil Giorgene Grech bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci fuq dana l-att.**

**Billi din hija kawza ta' divizjoni ta' proprjeta' gejja minn wirt, l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti.**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S6091